MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 53/2009/1

**Alfred Spiteri, Joseph Spiteri u s-socjeta`**
**Garden of Eden Garage Limited**

**v.**

**Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, Ministru dwar it-Trasport**
**u b'digriet tat-8 ta' Jannar 2010 l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta giet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawza flok l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, l-Ministru dwar it-Trasport u Infrastruttura,**
**u l-Prim Ministru ghal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Dawn huma zewg appelli maghmula, wiehed mill-intimati, il-Ministru ghat-Trasport f'Malta, u l-iehor mir-rikorrenti, minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha, fil-5 ta' Lulju 2012, li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:
"..... filwaqt li tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, tichad it-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti anke fil-konfront tal-Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, tillibera wkoll lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu mhux il-legittimu kontradittur, pero`, tilqa' in parte l-ewwel talba tar-rikorrenti fil-konfront biss tal-Ministru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, u bhala rimedju tordna lill-istess intimat ihallas lir-rikorrenti, is-somma ta' €50,000 bhala "just satisfaction" ghall-oltragg subit mir-rikorrenti.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu hekk: dawk tal-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta mir-rikorrenti in solidum, u dawk tar-rikorrenti u tal-Ministru dwar Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura u l-Prim Ministru, jithallsu terz [$^{1}/_{3}$] mir-rikorrenti in solidum u zewg terzi [$^{2}/_{3}$] mill-intimat Ministru."

2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti, kif maghmula fir-rikors promotur, huma li l-ewwel Qorti:
"Tiddeciedi u tiddikjara illi l-agir ta' l-intimati jew min minnhom jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali u ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom;

"Tiddeciedi u tiddikjara li d-dispozizzjonijiet ta' l-Avviz Legali 149/2009, jew liema minnhom, jikkostitwixxu vjolazzjoni ta' l-Artikoli 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u ta' l-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u

tal-Libertajiet Fundamentali u ta’ l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali fil-konfront tar-rikorrenti jew min minnhom;

“Tiddeciedi u tiddikjara illi d-dispozizzjonijiet ta’ l-Avviz Legali 149/2009 nocivi lejn il-jeddijiet kostituzzjonali u konvenzjonali invokati mir-rikorrenti ma jkollhom l-ebda effett legali fil-konfront taghhom;

“Taghti kull provvediment jew rimedju iehor li lilha jidhrulha xierqa u gusti fic-cirkostanzi tal-kaz.

“Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom, li huma lkoll minn issa ngunti in subizzjoni.”

3. Fir-rikors tal-appell tieghu prezentat fit-23 ta’ Lulju 2012, il-Ministru appellant talab li, ghar-ragunijiet hemm indikati, li din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi thassar dik il-parti fejn l-ewwel Qorti laqghet in parte l-ewwel talba tal-rikorrenti fil-konfront tieghu, u fejn ordnat lill-istess Ministru sabiex ihallas is-somma fuq indikata bhala *just satisfaction*, filwaqt li tikkonferma l-kumplament tas-sentenza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrenti.

4. Rat ir-risposta tal-rikorrenti li, permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm indikati, talbu li din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-Ministru u tikkonferma s-sentenza appellata sa fejn laqghet in parte l-ewwel talba taghhom fil-konfront tal-Ministru, u sa fejn bhala rimedju kkundannat lill-istess Ministru jhallas lilhom is-somma fuq indikata bhala *just satisfaction* ghall-oltragg subit minnhom, bl-ispejjez kontra l-istess Ministru.

5. Rat l-appell tal-rikorrenti, prezentat fil-25 ta’ Lulju 2012, li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza billi, filwaqt li tikkonfermaha fejn l-ewwel Qorti laqghet in parte l-ewwel talba taghhom fil-konfront tal-Ministru u fejn bhala rimedju ordnat lill-istess sabiex ihallas bhala s-somma fuq indikata, thassar is-sentenza ghall-bqija, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati jew min minnhom.

6. Rat ir-risposta tal-Ministru appellat, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm indikati, talab li l-appell tar-rikorrenti jigi michud bl-ispejjez.

7. Rat ir-risposta tal-Awtorita` appellata, li permezz taghha u ghar-ragunijiet hemm indikati, talbet li l-appell tar-rikorrenti jigi michud.

**<u>Il-Fatti</u>**

8. Il-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kif delineati fis-sentenza appellata huma dawn.
“Illi bhala fatti, fil-qosor, li waslu ghal dawn il-proceduri huma dawn. Is-socjeta` attrici riedet topera open top double decker buses fis-suq Malti, u dan kemm ghar-rikorrentisti kif ukoll ghall-uzu mir-residenti. Iddahhlu tlett buses ta’ din ix-xorta, izda l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta irrifjutat li tillicenzjahom peress li, skont hi, ma kinux konformi mal-ligi, allura vigenti. L-importatur tal-buses fetah proceduri kostituzzjonali fejn talab lill-Awtorita`jiet kompetenti johorgulu licenzja ghal dawn it-tlett buses. Il-kawza giet deciza kontra r-rikorrent b’decizjoni li tat il-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta’ April 2004. Sussegwentement, tressaq appell mid-decizjoni tal-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta ghal quddiem l-ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta, izda d-Direttur ta’ dan l-ufficcju cahad l-ilment. Ir-rikorrenti appellaw mid-decizjoni ghal quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust li b’decizjoni tal-15 ta’ Ottubru 2008, sabet favur ir-rikorrenti li ordnat il-hrug ta’ licenzja ghat-tlett buses importati. Fid-dawl ta’ din id-decizjoni, l-Awtorita` intimata harget licenzja ghal dawn it-tlett buses, pero`, fl-istess hin qed tipprocedi quddiem il-qrati ordinarji fejn qed titlob stharrig gudizzjarju (“judicial review”) ta’ dik id-decizjoni; l-azzjoni, rikors numru 592/09, giet dikjarata preskritta b’decizjoni tal-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat-12 ta’ Mejju 2011. Minn din id-decizjoni gie intavolat appell li ghadu pendenti.

“Ir-rikorrenti, fid-dawl ta’ dan id-dewmien fil-hrug tal-licenzja, intavolaw proceduri gudizzjarji fejn talbu l-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni (rikors 369/09), izda l-Prim’

Awla tal-Qorti Civili, b’sentenza moghtija fit-28 ta’ Ottubru 2010, laqghet l-eccezzjoni ta’ dekadenza sollevata u cahdet it-talbiet tar-rikorrenti. Illum, minn din is-sentenza tressaq ukoll appell li ghadu pendenti.

“Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust u l-hrug tal-licenzja ghall-ewwel tlett buses li importaw ir-rikorrenti, l-istess rikorrenti, f’Novembru tal-2008, xtraw tmien vetturi ohra, li waslu Malta, erbgha f’Novembru tal-2008 u l-erbgha l-ohra f’Jannar tal-2009. L-Awtorita` intimata bdiet il-processar tat-talba ghall-hrug ta’ licenzja ghall-ewwel erba’ buses, izda l-process twaqqaf wara ordni mill-Ministeru intimat peress li kienu se johorgu regolamenti godda li kellhom il-hsieb jirregolaw l-operazzjoni ta’ open top buses fis-suq lokali. Fid-19 ta’ Mejju 2009, inhareg Avviz Legali numru 149/2009 li jirregola dan is-suq, izda l-Awtorita` baqghet ma hargitx licenzja ghal dawn it-tmien buses. Ir-rikorrenti intavolaw proceduri gudizzjarji fil-konfront tal-Awtorita` kompetenti a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dan minhabba n-nuqqas tal-Awtorita` li tohrog licenzja ghal dawn it-8 vetturi; intalab ukoll hlas tad-danni. Din il-kawza, rikors numru 474/09 giet deciza fid-29 ta’ Settembru 2011, mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili; gie deciz li n-nuqqas tal-Awtorita` li taghti twegiba ghat-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hrug ta’ licenzja ghal tmien open-top double decker buses kien ifisser rifjut ta’ dik it-talba, u li tali rifjut sar bi ksur tal-Artikolu 469A (1) (b) (iii) u (iv) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, u ordnat lill-Awtorita` tipprocessa t-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-hrug tal-licenzja mitluba. Minn din is-sentenza tressaq appell li gie deciz fit-28 ta’ Gunju 2012, bil-Qorti tal-Appell tikkonferma s-sentenza in prim istanza.

“Fil-kors ta’ dawn il-proceduri, ir-rikorrenti thallew joperaw fis-suq lokali bl-ewwel tlett buses li ghalihom inharget licenzja wara d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust, u vetturi ohra li ddahhlu wara l-hrug tal-indikat Avviz Legali. Ir-rikorrenti jilmentaw, pero`, li tul iz-zmien kemm ilu f’dan is-suq, l-Awtorita` intimata kienet “taqbad mieghu”, fis-sens li kienet issus wara l-kumpanija u tesigi

li din issegwi bi precizjoni ezatta t-termini tal-ligi, waqt li ghall-kaz ta’ kompetitur tieghu, Supreme Travel Ltd., l-Awtorita` m’hijiex qed tkun daqshekk esigenti. Ir-rikorrenti jghidu li kemm-il darba ghamlu rapporti fil-konfront ta’ illegalitajiet maghmula mill-vetturi tal-kompetitur tieghu (li ghamlu zmien isegwu biex jirrapurtaw mill-ewwel f’kaz li jaqbduhom fil-fatt fi ksur ta’ xi regolament), izda jilmentaw li l-Awtorita` ftit li xejn imxiet fuq ir-rapporti li kienu jsirulha.

“Ir-rikorrenti jakkuzaw lill-Awtorita` intimata bl-uzu ta’ “double standards” fit-trattament taz-zewg operaturi fis-suq.”

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

9. Illi l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet

“Fid-dawl ta’ dan kollu, l-ilmenti tar-rikorrenti huma, tista’ tghid, tlieta: (i) qed jallegaw li r-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 149/09 huma diskriminatorji fil-konfront taghhom u jledu d-dritt taghhom ta’ proprjeta’; (ii) qed jallegaw li l-uzu ta’ “double standards” mill-awtorita’ intimata fl-inforzar tar-regolamenti huwa ukoll diskriminatorju u jilledi d-drittijiet taghhom ta’ proprjeta’, u (iii) qed jallegaw l-istess fir-rigward ta’ l-agir ta’ l-awtorita’ intimata fil-kuntest tal-hrug tal-licenzja ghall-buses li huma impurtaw.

“Din il-Qorti sejra titratta l-ewwel il-kontestazzjoni fir-rigward ta’ l-Avviz Legali 149/09. Qabel il-hrug ta’ dan l-Avviz Legali, ma kienx hawn ligi li tirregola specifikament open-top buses, u l-ewwel darba li dawn il-vetturi bdew joperaw f’Malta kien ghall-habta ta’ l-2006 meta l-Gvern hareg zewg “calls for tenders” ghall-operazzjoni ta’ dawn it-tip ta’ buses fuq zewg rotot, wahda fit-Tramuntana u l-ohra fin-Nofsinhar ta’ Malta. Is-socjeta’ rikorrenti, li gia’ kellha kwistjoni ma’ l-awtorita’ intimata dwar l-ewwel tlett buses li dahhlet Malta, ma tefghetx offerta’, u hadet il-kuntratt is-socjeta’ Supreme Travel Ltd. Dan l-operatur seta’ jopera l-vetturi tieghu skont l-ispecifications tat-tender u kellu jirregistra l-vetturi biex jintuzaw ghal dan l-iskop biss. Din is-socjeta’ li rebhet il-kuntratt impurtat 12-il vettura biex tuzahom fuq iz-zewg rotot allokati lilha.

“Fil-frattemp, fil-15 ta’ Awissu 2008, inghatat id-decizjoni mill-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fil-konfront tat-tlett buses li kienu gew impurtati mir-rikorrenti, u l-Gvern fi stqarrija datata 16 ta’ Ottubru 2008, ikkummenta fuq dik id-decizjoni, fis-sens li kien jaqbel mal-principju li fis-settur tat-trasport (inkluz taxis, minivans, coaches u buses normali) is-suq ikun liberalizzat, u li kienet il-politika tal-Gvern li jnehhi r-restrizzjonijiet li kienu jezistu fis-suq f’din l-attivita’ ekonomika.

Sa dakinhar, il-liberalizazzjoni tas-settur tat-trasport kienet kontroversjali. Il-Gvern, anke qabel id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, kien habbar il-hsieb tieghu f’dan is-sens, izda kien rinfaccjat bi protesti minn operaturi tat-trasport li kienu qed joperaw f’suq maghluq. Fiz-zmien tad-decizjoni, il-Gvern kien qed ihejji revizjoni tar-regolamentazzjoni li jkollha l-effett tal-liberalizazzjoni, u ha’ spunt mid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust biex jimbotta aktar il-politika tieghu f’dan ir-rigward.

“Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni, u aktar wara l-hrug ta’ din l-istqarrija, l-awtorita’ intimata irceviet diversi applikazzjonijiet minn persuni li xtaqu jidhlu u jibdew joperaw f’dan is-suq. Fosthom, saret l-applikazzjoni mir-rikorrenti biex jirregistraw it-tmien buses li kienu xtraw mill-Ingilterra. L-awtorita’ kienet qed tipprocessa dawn l-applikazzjonijiet, pero’, fl-4 ta’ Dicembru 2008, il-Ministeru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura taw istruzzjonijiet lill-awtorita’ biex iwaqqfu l-process sa ma l-Gvern ilesti r-regolamentazzjoni tas-suq. Eventwalment, inhareg u gie ppubblikat l-Avviz Legali 149/09.

“Ir-rikorrenti jallegaw li r-regolamenti ta’ dan l-Avviz Legali jolqtuhom hazin u inhargu kif inhargu bi pregudizzju ghad-drittijiet taghhom. Din il-Qorti, wara li qrat ir-Regolamenti in kwistjoni u semghet l-ispjegazzjoni cara li ta Emanuel Delia, ufficjal fil-Ministeru dwar it-Trasport, Komunikazzjoni u Infrastruttura, fuq l-iskop tal-ligi u ghaliex certi regolamenti saru kif saru, ma tistax taqbel mas-sottomissjoni tar-rikorrenti fir-rigward. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jilmentaw li certi kundizzjonijiet jiffavurixxu l-

vetturi li dahhal Malta l-kompetitur taghhom. Is-Sur Delia jammetti li fit-tfassil tar-regolamenti, hadu qies tal-vetturi ta’ Supreme Travel Ltd., u dana peress li dan kien “incumbent” fis-suq u kien dahhal il-vetturi biex jaqdi lill-Gvern wara is-sejha ghall-offerti li harget fl-2006. Ghalkemm din is-socjeta’ dahlet f’tilwima mal-Gvern fit-twettiq tal-kuntratt, il-Ministeru rraguna illi la darba dik is-socjeta’ dahhlet f’Malta 12-il vettura, skont kif stipula l-istess Gvern, ma kienx ikun gust li dawn l-istess vetturi jigu mwarrba mis-suq bis-sahha tar-regolamenti l-godda. Il-Ministeru qies li s-socjeta’ Supreme Travel Ltd. kellha aspettattiva li tkompli topera fis-suq bil-vetturi li dahhlet biex twettaq il-policy tal-Gvern li topera zewg rotot turistici f’Malta, u ma setghetx tinjora l-fatt li dawk il-buses dahlu kif dahlu f’Malta bis-sahha tal-kuntratt mal-Gvern. Ghalhekk, fir-regolamentazzjoni tas-suq tas-sight seeing, il-buses li kienet dahhlet Supreme Travel Ltd. ghal dak l-iskop kellhom jigu “protetti”, waqt li fil-kaz ta’ buses intenzjonati ghal suq iehor (bil-pre-booking ghall-uzu partikolari), dan kien suq gdid, u allura, ir-regoli setghu ikunu aktar restrittivi.

“Taqbel jew ma taqbilx ma’ dan ir-ragunament, din il-Qorti ma tarax li d-decizjoni hija rragjonevoli jew barra minn lokha. Din il-Qorti m’hijiex kostitwita biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik ta’ l-awtorita’ amministrattiva kompetenti, izda li tara li d-decizjonijiet li jittiehdu ma jkunux immirati li jolqtu pregudizzju mhux misthoqq lil haddiehor. Kull decizjoni amministrattiva tista’, ftit jew wisq, tolqot l-interessi ta’ terzi, li jistghu ukoll jintlaqtu hazin b’tali decizjoni. Dan ma jfissirx, pero’, li allura jkunu gew lezi d-drittijiet fundamentali ta’ dawk it-terzi. Jekk decizjoni amministrattiva hi f’waqtha u decizjoni li ragjonevolment tista’ tittiehed, ma jistax jinghad li kien hemm ksur tad-drittijiet ta’ dawk milquta hazin b’dik id-decizjoni. F’dan il-kaz, id-decizjoni li ttiehdet li tigi rispettata l-aspettattiva ta’ Supreme Travel Ltd. li tibqa’ topera fis-suq bil-buses li dahhlet biex tesegwixxi kuntratt li kellha mal-Gvern, u bil-korrispettiv li din is-socjeta’ tirrinunzja ghall-esklussivita’ li nghatalha bil-kuntratt hija, fil-fehma ta’ din il-Qorti, decizjoni li setghet

ragjonevolment u korrettement tittiehed, u ma tarax allura li saret xi preferenza mhux f'waqtha ma' dik is-socjeta'.

"Fil-kuntest ta' diversi regolamenti ohra li jiffurmaw parti mill-Avviz Legali in kwistjoni, l-ufficjal Emanuel Delia, kif diga' accennat il-Qorti, wera bic-car x'wassal ghall-mod kif certi regolamenti inkitbu kif inkitbu. Hekk gie spjegat ghaliex l-open-top buses gew eskluzi mir-regolamenti li jinsabu f'Parti 5 ta' dan l-Avviz Legali. Din il-parti hi intiza biex tirregola buses li joperaw fuq il-linja, is-scheduled buses, bil-possibilita', pero', li l-Gvern jimponi termini aktar oneruzi meta johrog kuntratt ghall-operazzjoni ta' dan is-servizz, kif fil-fatt, jinghad li ghamel il-Gvern ma' l-operatur il-gdid tal-motor route buses li beda jopera f'Malta f'Lulju ta' l-2011. Peress li l-hsieb mill-bidu nett kien li dan is-settur partikolari jigi regolat aktar b'kuntratt milli bir-regolamenti, ma nhassx il-htiega li din il-parti ta' l-Avviz Legali titqies applikabbli ghal setturi ohra tat-trasport.

"Ghar-rigward tar-regolamenti li jiddiskriminaw favur vintage buses, is-Sur Delia ta din l-ispjegazzjoni:

"*Li ridna ghal ragunijiet ta' promozzjoni tat-turizmu u tal-wirt industriali ta' Malta, huwa li vetturi li ghandhom wirt partikolari (heritage Malti), dawn inbnew Malta, ghandhom disinn unikament Malti u ahna xtaqna u huma partikolarment popolari mat-turisti u xtaqna li flok jigu aboliti totalment, nippermettuhom illi limitatament ghal servizzi ta' sight-seeing, u li allura tipikament ikunu jinteressaw lit-turisti, jithallew joperaw. Il-possibilita' li naghmlu hekk hija ukoll illi r-rekwizit li ghamilna li johrog mid-definizzjoni ta' x'inhi vintage bus, jillimita din l-attivita' ghal 3 vetturi, li nafu bihom. Wahda, fil-fatt tahdem, ghadek taraha llum fuq ir-rotta, it-2 l-ohra, sa fejn naf jien qed jigu restawrati biex jibdew jibbenifikaw minn din il-possibilita'. Li kieku ahna dawn, ghax konna nixtiequ li jibqghu joperaw wara l-incident li semmejt, konna ukoll naghmluhom suggetti ghal dawn is-subincizi li qed isemmu u issa nirreferi ghalihom, kieku ma kienx ikun prattikament possibli ghalihom li joperaw. Per ezempju, 28 1F li rreferejt ghaliha, tirrikjedi li jkunu equipped kompletament bl-air conditioning. Dan, fizikament mhux*

*possibli, u anke li kieku kellu jsir, kien ihassar mill-effett taghhom ta' dawn il-buses bhala a vintage product. Tghidli illi jridu jissodisfaw l-ispecifikazzjonijiet u l-constructional requirements tal-motor vehicle, weights dimensions and equipment regulations. Li kieku kellna naghmlu dan ir-rekwizit, kieku fizikament kienu jkunu eskluzi li joperaw dan is-servizz u r-raguni hija semplici – dawn inbnew fis-snin 40, snin 50, u similment anke qabel u dak iz-zmien ma kienx hemm din it-tip ta' sensittivita' ghar-rekwiziti li hemm illum u l-iktar wahda importanti li tirreferi ghaliha, 2b, illi tghid illi l-vettura has been manufactured not more than 5 years before the date of first application for a passenger transport vehicle licence in Malta. Dawn saru fi zmien nannuhi u ghalhekk huma vintage buses. Jekk ir-rekwizit ikun impost fuqhom tal-eta' massima li fiha saru, ma jibqghux vintage buses, igifieri hija rizultat tal-intenzjoni li nippermettuhom naghmlu eccezzjoni ghalihom dawn it-3 vetturi li jibqghu joperaw illi taghmel dawn ir-rekwiziti.*"

"Gie spjegat ukoll l-effett tar-regolament 69 li jidher li l-aktar li ghamlu enfasi fuqu r-rikorrenti. Kif diga' inghad, meta dan ir-regolament gie promulgat, ittiehdet konsiderazzjoni ta' l-ispecifications tal-buses li kienet impurtat Supreme Travel Ltd., pero', sar issa possibbli li kull min idahhal vettura li tissodisfa dawk l-ispecifications, seta' jopera fis-suq. Intwera ukoll ghaliex kien hemm varjazzjoni fiz-zmien tal-vetturi li setghu joperaw fis-suq, u ghaliex ukoll saru klawzoli transitorji biex kemm jista' jkun min kien diga' jopera fis-suq ma jbatix wisq. In linea generali, din il-Qorti tara li politika ta' regolamenti li tiddistingwi bejn settur gdid u settur li kien diga' jezisti "on the ground", hi wahda li tista' tigi argumentata b'success. Li tkun aktar strett u rigidu f'regolamentazzjoni ta' suq gdid mhux irragjonevoli. L-importanti hu li r-regolamenti gew japplikaw ghal kulhadd u, f'dan il-kaz, ma jidhirx li saru biex jeskludu lir-rikorrenti milli jopera fis-suq lokali. Is-suq ta' l-open-top buses kien wiehed relattivament gdid, u filwaqt li ghal coaches normali, ir-regolamenti qiesu r-realta' "on the ground" (frazi li uza s-Sur Delia), mhux l-istess ghall-open-top buses li jahdmu bil-pre-booking, li gew, ghalhekk, b'mod generali, regolati b'aktar rigidita'. Il-

fatt li l-vetturi li kellha Supreme Travel Ltd. gew, f'certu sens, "protetti" u, kif gie spjegat, gustifikat fid-dawl ta' kif sehhew l-affarijiet, u r-rikorrenti ma gewx ippregudikati ghax is-suq infetah ghalihom kif infetah ghal kulhadd. Li ghamel il-Gvern kien li ttrasferixxa r-rekwiziti li kien hemm fit-tender ghal kulhadd, bil-mezz legali li qabel kien regolat bil-kuntratt. Ta' min ifakkar li r-rikorrenti ma kinux tefghu offerta' ghas-sejha li ghamel il-Gvern fl-2006, u kwindi, difficli jilmentaw dwar l-ispecifications imposti dakinhar u li wara gew inkorporati fl-Avviz Legali 149/09. Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Gvern li s-sospensjoni tal-kuntratt li kellha Supreme Travel Ltd. f'Marzu ta' l-2009, u dan minhabba allegat ksur tal-kuntratt da parti ta' l-istess socjeta' (decizjoni li qed tigi kontestata), ma jfissirx li l-Gvern seta' jinjora li, bhala fatt, dik is-socjeta' dahlet 12-il vettura f'Malta skont specifications li kienu stabbiliti mill-Gvern fis-sejha ghall-offerti.

"Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li l-Avviz Legali 149/09 johloq xi pregudizzju specjali ghad-drittijiet tar-rikorrenti, lanqas li inhargu bi hsieb li tinghata preferenza ingustifikata lil xi terz. Inhargu bis-sahha tal-poter legislattiv u amministrattiv inerenti f'kull Gvern, ghandhom applikazzjoni generali, u r-regolamentazzjoni tas-suq tat-trasport huwa zgur process ghaqli u fl-interess tas-socjeta' in generali. Huwa process mehtieg, jekk mhux essenzjali, f'pajjiz demokratiku, u darba li ma intweriex li l-process kollu kien intenzjonat biex jikkastiga jew jippreferi lil xi hadd b'mod mhux gustifikat, ma jistax jitqies li sar bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuni milquta. Hadd ma jista' jghid li ghandu xi 'legitimate expectation' li l-vetturi li jrid igib, ikunu licenzjati, ghax hu dmir tal-Gvern li jirregola t-trasport fis-socjeta'. Il-kontroll fuq l-uzu tal-proprjeta' hija, fil-fatt, konsentita fit-tieni paragrafu ta' l-ewwel artikolu ta' l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea invokat mir-rikorrenti, basta dan ikollu skop legittimu u johloq bilanc bejn id-drittijiet tac-cittadin, l-interessi tas-socjeta' in generali, u ma jimponix "a disproportionate and excessive burden" fuq l-individwu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-process legislattiv li wassal ghall-hrug ta' l-Avviz Legali in kwistjoni (bil-hrug ta' White Paper u perjodu ghall-konsultazzjoni), u l-Avviz Legali innifsu wassal ghal dan il-bilanc fl-interess

tas-socjeta’ in generali. Meqjusa l-ispjegazzjonijiet li nghataw, il-provvedimenti tal-ligi la jistghu jitqiesu diskriminatorji bi hsara ghar-rikorrenti, u lanqas li gie miftuh “an excessive and disproportionate burden” fuq l-istess rikorrenti, issa li kulhadd tqieghed f’sitwazzjoni simili. Dan l-ilment partikolari qieghed, ghalhekk, jigi michud.

“Ghar-rigward tat-tieni ilment, dak marbut ma’ l-allegat ‘double standards’ li operat l-awtorita’ intimata in relazzjoni maz-zewg operaturi ta’ open-top buses, din il-Qorti ma ssibx li din l-allegazzjoni giet ippruvata. Il-Qorti kellha okkazjoni tisma’ lid-Direttur Manigerjali ta’ l-awtorita’, u tara li ghandha taghti affidament lix-xhieda tieghu. Hu wera li dejjem ittratta l-istess maz-zewg operaturi, u, kull meta sab li kien hemm ksur ta’ xi ligi, ipproceda kif kien id-dover tieghu, kemm kontra wiehed kif ukoll kontra l-iehor. Spjega li z-zewg operaturi kienu jaghmlu hafna rapporti kontra xulxin, tant li hass li kellu jghid li l-ufficju tieghu gieli kien ikun “overwhelmed” bir-rapporti. Huma kienu jittrattawhom l-istess, ghalkemm mhux dejjem setghu jinvestigaw kull rapport li jidhol ghax dawn kienu jkunu ferm numeruzi, pero’, it-trattament kien ikun l-istess ghaz-zewg operaturi. Giet esebita lista tac-citazzjonijiet li gew ipprezentati kontra z-zewg operaturi, u ma jidhirx li l-awtorita’ qed taddotta xi forma ta’ “double standards”. Anzi jidher li ttiehdu aktar passi kontra tas-Supreme Travel Ltd. milli kontra s-socjeta’ rikorrenti, u dan jigri peress li ta’ l-ewwel ghandha aktar vetturi fit-triq mis-socjeta’ rikorrenti. L-awtorita’, hu car, ma tistax toqghod erbgha u ghoxrin siegha kuljum ma’ dawn iz-zewg operaturi; l-importanti hu li ma timmanifestax preferenza ma’ wiehed, u mill-provi dan ma jirrizultax.

“Il-kontroll u l-monitoragg kien qed isir bl-istess mod fil-konfront taz-zewg operaturi, izda filwaqt li operatur wiehed ma kienx jinkedd li ufficjali ta’ l-awtorita’ kienu jsegwu l-buses tieghu – biex jaraw li ma tinkisirx il-ligi – l-operatur l-iehor, is-socjeta’ rikorrenti, kien jiddejjaq b’din is-sorveljanza. Ma jirrizultax, pero’, la trattament differenti u lanqas li, b’dan il-mod, ir-rikorrent gie mfixkel fil-godiment tal-proprjeta’ tieghu.

Hafna incidenti partikolari li gew senjalati mir-rikorrenti gew spjegati u/jew ittiehdu passi kontra l-operatur involut. Hekk, per ezempju, dwar l-uzu tal-buses mis-supporters taz-Zejtun Corinthians Football Club biex jiccelebraw ir-rebh tal-kampjonat u dwar l-uzu ta' l-istess buses minn membru parlamentari wara rebha f'elezzjoni generali, attivitajiet li t-tnejn mhux permessibbli bil-ligi, meta saru rapporti l-awtorita' investigat u qed tiehu l-passi legali kontra l-kompetitur tar-rikorrenti minhabba attivita' allegatament bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-licenzja. Is-socjeta' rikorrenti ghamlet allegazzjoni li d-ditta kompetitrici taghha qed tuza numru ta' vettura partikolari fuq vettura ohra differenti, din ukoll giet investigata u l-kaz qed jigi processat. L-incident hdejn il-kumpless ta' Montekristo gie spjegat: haddiem tas-socjeta' rikorrenti allega li bus tas-Supreme Travel Ltd. thalla jghabbi nies mhux minn fuq l-istage. Dan, pero', irrizulta li ma kienx minnu, u kienet biss deduzzjoni zbaljata tal-haddiem tas-socjeta' rikorrenti li wassal ghad-dizgwid. L-incidenti li sehhew hdejn is-Santana Hotel u hdejn l-ufficini tal-VISET fil-Waterfront li ukoll gew esposti mis-socjeta' rikorrenti bhala ezempji ta' "double standards", gew ukoll spjegati. F'kull kaz, ma jirrizultax li l-operatur l-iehor thalla jagixxi kif irid, u l-kazijiet kienu jigu investigati. Mhux dejjem, wara rapport mir-rikorrenti, kien jirrizulta xi ksur, jew xi vjolazzjoni hekk gravi li kienet tinnecessita' citazzjoni, izda ma kienx minnu li d-ditta Supreme Travel Ltd. kellha hajja facli. Sfortunatament, dawn iz-zewg operaturi kienu mqabbda ma' xulxin, u ghax, forsi, is-suq mhux tant li jippermetti numru hekk kbir ta' open-top buses jahdmu fl-istess hin, wiehed jipprova jirkeb fuq kull nuqqas, zghir kemm hu zghir, tal-parti l-ohra, bis-sitwazzjoni, xi kultant, tiggenera f'tghajjir u tfixkil reciproku. Ma jirrizultax, pero', li l-awtorita' mxiet hazin.

"Kien hemm epoka meta l-awtorita' kienet qed timmoniterja l-uzu tar-rotot miz-zewg operaturi, imma ma kinux johorgu citazzjonijiet meta kien jirrizulta ksur, u dan peress li l-awtorita' hasset li, wara l-hrug ta' l-Avviz Legali 149/09, kien hemm bzonn aktar ta' monitorjagg milli ta' inforzar. Ir-rikorrenti kienu, f'din l-epoka, jirraportaw

nuqqasijiet mill-vetturi tal-kompetitur, li taghhom, l-awtorita' kienet tiehu nota izda ma tohrogx citazzjonijiet. Din il-politika, pero', kienet applikabbli ghaz-zewg operaturi, u l-istess kienet tagixxi l-awtorita' meta kienet tircievi rapporti ta' nuqqasijiet mill-vetturi tar-rikorrenti. L-awtorita' iddecidiet li taghmel zmien ta' studju ta' kif kienu qed jahdmu l-operaturi, u dan l-agir la kien diskriminatorju u lanqas ta' tfixkil ghall-godiment tan-negozju tar-rikorrent.

"Dan it-tieni ilment sejjer ghalhekk, jigi michud peress li ma giex ippruvat.

"Dwar it-tielet ilment, marbut mal-kondotta ta' l-intimati in relazzjoni mat-talba tar-rikorrenti li joperaw open-top buses fis-suq Malti, din il-Qorti tara li s-sitwazzjoni hi ftit differenti, u tara li kien hemm nuqqasijiet da parti ta' l-intimat Ministru li waslu li r-rikorrenti li jsofru tfixkil mhux gustifikat fit-tgawdija tal-proprjeta' taghhom.

"Ir-rikorrenti ilhom zmien twil jipprovaw joperaw open-top buses fis-suq ta' Malta, pero', peress li l-Gvern ma kellux policy fir-rigward u, anzi, kienet topera politika ta' suq maghluq fil-konfront tal-buses, is-sitwazzjoni baqghet imdendla ghal diversi snin. Fl-1997, l-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku kitbet lir-rikorrenti li "it is the intention of the Public Transport Authority that licences will be granted for operation of open-top buses", izda dan is-suq baqa' mhux regolat. Ir-rikorrenti gabu tlett buses li riedu jibdew juzaw u ma' l-applikazzjoni taghhom ressqu anke rapport minn inginier li kien jiccertifika l-istandards tajbin ta' dawn il-buses. Dawn il-vetturi kienu 3.7 metri gholja (jew ftit aktar, izda zgur anqas minn 4 metri), u kienu, ghalhekk, entro l-limiti ta' l-Istandards Ewropej ghal dawk it-tip ta' vetturi (li kienu jippermettu buses sa gholi ta' 4 metri skont Direttiva 96/53 KE). Ghalkemm, f'dak iz-zmien, kienet qed tithalla topera f'Malta double decker bus ta' ghamla Germaniza li kellha gholi ta' 4.4 metri, l-awtorita' ma riditx tohrog licenzja ghat-tlett vetturi tar-rikorrenti, avolja kellhom gholi ta' anqas minn 4 metri. Ir-raguni li gabet l-awtorita' kien illi jekk persuna, fil-livell tat-tieni sular ta' bus, iqum bil-wieqfa waqt is-sewqan, kien jinqabez il-limitu ta' 4 metri u seta' jkun hemm periklu. Din il-Qorti tara li din

ir-raguni m'hijiex hlief skuza banali. Il-limitu ta' 4 metri stabbilit fid-Direttiva ta' l-Unjoni Ewropea, u addottata mill-awtorita' (ghax dak iz-zmien ma kellhiex policy fuq hiex timxi), kienet tkopri l-gholi tal-vettura u mhux tal-vettura b'persuna bil-wieqfa fuqha. Ir-raguni ta' periklu ma tidhirx li giet gustifikata b'xi studju. Hu veru li jekk persuna tqum bil-wieqfa waqt li l-bus tkun miexja, dan ikun qed jesponi ruhu ghall-periklu, pero', dan hu hekk tkun kemm tkun gholja l-vettura. Dwar il-periklu minn xi overhanging branches ta' sigar jew sinjali tat-traffiku, ma jidhirx li sar xi studju dwar dan, u l-awtorita' harget b'risposta negattiva ghall-applikazzjoni tar-rikorrenti, minghajr ma biss ikkunsidrat l-uzu tal-vetturi f'toroq mhux problematici. L-awtorita' warrbet l-applikazzjoni fuq suppozizzjonijiet u opinjonijiet mhux bazati fuq studju u minghajr ma qieset possibilita' ta' uzu cirkoskritt b'rotot.

"Fil-frattemp, il-Gvern hareg sejha ghall-offerti ghall-operazzjoni ta' open-top buses madwar zewg rotot turistici fit-Tramuntana u n-Nofsinhar ta' Malta. Fis-sejha, ma baqghetx obbligatorja li l-vetturi kellhom ikollhom gholi ta' anqas minn 4 metri, ghalkemm inghad li preferenza kienet se tinghata lill-operaturi prospettivi li jressqu vetturi ta' anqas minn dak l-gholi. Ghal dan it-tender applikat biss is-Supreme Travel Ltd., li, inghatat il-kuntratt. Il-buses li dahhlet din il-kumpanija kienu bhal tar-rikorrenti, b'gholi ta' madwar 3.7 metri, pero', thallew joperaw. Intqal li ghall-hrug ta' dan it-tender, sar studju tar-rotot li kellhom jintuzaw biex jigi evitat periklu, pero', ma ntwerhiex ghaliex dan l-istudju, jekk verament sar, ma sarx qabel meta giet rifjutata l-applikazzjoni tar-rikorrenti, u lanqas ma giet ipprezentata kopja ta' dan l-istudju biex din il-Qorti tkun tista' tezamina l-implikazzjonijiet tieghu. L-uniku studju li gie esebit hu dak li sar fl-2011, li ma jkoprix it-toroq kollha li jistghu juzaw l-open-top buses, imma biss dawk l-aktar frekwentati mit-turisti.

"Ir-rikorrenti riedu, allura, jithallew juzaw il-buses taghhom, pero', l-awtorita' ma riditx minhabba l-kuntratt <u>esklussiv</u> li nghata lid-ditta Supreme Travel Ltd. Meta tqis li l-vetturi taz-zewg operaturi kienu l-istess, ma kienx hemm raguni ghala dawk tar-rikorrenti gew mizmuma. Veru li r-rikorrenti

ma ghamlux offerta’ ghall-kuntratt tal-Gvern, pero’, l-ghoti ta’ dak il-kuntratt ma kellux iwaqqaf l-operat tar-rikorrenti. Fil-fatt, meta r-rikorrenti ressqu ilment quddiem il-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, dan sab favur ir-rikorrenti u li l-awtorita’ ma kinitx gustifikata li zzomm lir-rikorrenti milli joperaw f’Malta. Din id-decizjoni, hu veru, hija soggetta ghal stharrig gudizzjarju mill-qrati, pero’, f’kull kaz, il-Gvern ha spunt minn dik id-decizjoni biex jiggustifika l-politika tieghu favur il-liberalizazzjoni tas-suq ta’ trasport, u l-istess decizjoni giet attwata mill-awtorita’ li harget licenzja ghal dawk it-tlett vetturi.

“Wara dan, ir-rikorrent gab 8 buses ohra li talab li jigu licenzjati. Dawn il-vetturi kienu l-istess bhat-tlieta, li ghalihom, l-awtorita’ harget licenzja wara s-sentenza tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, izda licenzja ghal dawn it-8 vetturi baqghet ma nhargitx. Ir-rikorrenti importaw 4 minn dawn it-8 vetturi f’Novembru ta’ l-2008, u spezzjoni taghhom kellha tinzamm mill-awtorita’ fl-4 ta’ Dicembru 2008. Din l-ispezzjoni giet, pero’, posposta dakinhar stess fuq direttiva tal-Gvern li ordna li jieqfu l-ispezzjonijiet u l-processar ta’ l-applikazzjonijiet sakemm johorgu Regolamenti godda. Li gara kien li wara s-sentenza tal-Kummissjoni, l-awtorita’ irceviet mas-46 applikazzjoni minn operaturi li riedu jidhlu fis-suq. Il-Gvern inhasad, u waqqaf il-processar ta’ l-applikazzjoni sa ma jirregolarizza s-suq. Ir-regolament, eventwalment, hargu f’Mejju ta’ l-2009 (Avviz Legali 149/09). It-8 vetturi li kienu importaw ir-rikorrenti (it-tieni lot ta’ 4 ddahhlu f’Malta f’Jannar 2009) ma kinux, pero’, jaqghu li jkunu konformi ma’ dawn ir-Regolamenti l-godda.

“Kif intwera aktar qabel, ir-rikorrenti fethu proceduri civili (rikors numru 474/09) fejn qed jikkontestaw dan ir-rifjut. Il-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tat ragun lir-rikorrenti u ordnat li l-applikazzjoni taghhom tigi kkunsidrata fuq bazi tas-sitwazzjoni li kienet tezisti meta saret l-applikazzjoni, jigifieri qabel il-hrug ta’ l-Avviz Legali 149/09 u dan a bazi tal-“precedent” bid-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust. Din is-sentenza issa saret res judicata, b’sentenza li tat il-Qorti ta’ l-Appell fit-28 ta’ Gunju 2012.

"Skont ma xehed id-Direttur Manigerjali ta' l-awtorita', is-Sur Vincent Micallef Pule', it-tlett buses, li ghalihom harget licenzja wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust, huma simili u ta' l-istess annata bhat-8 li gew importati wara. L-ewwel tlett buses ghadhom qed joperaw fis-suq, u skont l-istess xhud, huma ukoll konformi mal-htigijiet ta' l-Avviz Legali 149/09. Ma hemm ebda raguni, allura, ghala dawn it-8 buses ma ghandhomx ukoll jigu licenzjati.

"Ir-raguni li l-Gvern sab ruhu skopert billi saru hafna applikazzjonijiet meta ghad ma kellux regolametazzjoni ta' dak is-suq, gabha b'idejh. Wara d-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust u l-istqarrija tal-Gvern favur is-suq hieles, kulhadd haseb li seta' jirregistra open-top buses biex joperaw fis-suq ta' Malta u dahlu hafna applikazzjonijiet, li dahal fil-Gvern stat ta' paniku. Dan, pero', kien tort tieghu ghax halla s-sitwazzjoni tkaxkar ghal diversi snin minghajr ma ha passi regolatrici. Zgur li wara d-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-Gvern kellu jkun jaf li s-suq kellu jigi liberalizzat, u jekk "beza'" minn dawk li kienu qed joperaw f'suq maghluq, ma ghandhomx ibatu r-rikorrenti li kellhom kull dritt joperaw huma ukoll fis-suq Malti. Id-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust ma kreat ebda principju gdid, izda qalet biss li l-Gvern kien qed jagixxi hazin, u ilu hekk jagixxi. In-nuqqas ta' regolamenti kien tort tal-Gvern, u ma jistax, minhabba n-nuqqas tieghu, isostni li kellu jwaqqaf l-operazzjoni ghax dahlu hafna applikazzjonijiet f'daqqa. Il-Gvern kien jaf li bid-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea, il-politika ta' suq maghluq fit-trasport ma kinitx aktar sostenibbli, izda flok ma agixxa biex jirregola s-suq liberu, qaghad jistenna d-decizjoni tal-Kummissjoni, li hu fahhar ghax konformi mal-politika tieghu, u li tat lok ghal diversi applikazzjonijiet.

"Il-politika ta' suq maghluq kienet wahda li dahlet maz-zmien, hadd ma jaf kif, u m'hijiex gustifikata f'pajjiz liberu u demokratiku bhal Malta (ara bhala rifless fuq din il-kawza "Axiaq vs. L-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta' Gunju 2006). Il-Gvern kellu jkun proattiv u jahseb biex, mill-aktar fis possibli, jirregolarizza suq hieles, u ma kellux jistenna biex

jirreagixxi ghal decizjoni ta' xi organu legali biex isostni l-ezistenza ta' suq hieles. Il-Gvern ma kellux jasal fi stat li jkun reinfaccat b'sitwazzjoni ta' krizi, u kellu jahseb ghar-regolamenti sa mill-1997 (meta stqarr li hu favur il-hrug ta' licenzji ghall-open-top buses) u mhux jillegisla madwar 12-il sena wara!

"Ir-rikorrenti ghandu dritt jopera fis-suq hieles, u wara li kien gustifikat bid-decizjoni tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2008 (decizjoni li giet attwata mill-awtorita'), ma kellux isib ostakoli ghat-talba tieghu li jdahhal 8 vetturi simili ohra. Anke jekk, mil-lat amministrattiv, id-decizjoni ta' l-awtorita' tigi meqjusa rite et recte, din m'hijiex wahda gustifikabbli f'pajjiz demokratiku. L-inattivita' tal-Gvern li jirregolarizza dan is-suq ghal tul ta' snin, jammonta ghall-interferenza mhux f'waqtha fit-tgawdija mir-rikorrenti tal-possedimenti tieghu, u dan minhabba l-incertezza li l-Gvern ippermetta li tibqa' tissustixxi ghal zmien twil fis-suq lokali. Ghal dan irid iwiegeb il-Gvern, u mhux l-awtorita', billi jhallas kumpens gust u xieraq.

"Ghar-rigward tal-quantum tal-kumpens, jirrizulta li r-rikorrenti gia' fittex gudizzjarjament ghad-danni civili, u dawn it-talbiet huma l-meritu ta' zewg kawzi (rikorsi numri 369/09 u 474/09) li ghadhom pendenti quddiem il-qrati ordinarji. Il-fatt li r-rikorrenti jistghu ma jkunux intitolati ghad-danni civili mill-qrati ordinarji, ma jfissirx li dawn jistghu jintalbu mill-qorti b'gurisdizzjoni straordinarja kif inhi din. Kif osservat il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz "Mifsud v. Bonello et", deciza fit-18 ta' Settembru 2009,

"*50. Min-naha l-ohra, ghalkemm mhux eskluz, kif fuq inghad li wiehed jitlob danni civili u morali minn din il-Qorti, ma jistax jaghmel dan, cioe`, jitlob danni civili mill-Qorti Kostituzzjonali, meta dawn l-istess danni jkunu intalbu f'kawza civili; u ma jistax jiehu danni civili fil-kostituzzjonal, jekk ma jkunx intitolat ghalihom civilment. Fil-fatt ir-rikorrent, apparti dawn il-proceduri, ressaq kawza quddiem il-Qorti ordinarja (citazzjoni numru 405/87) kontra uhud mill-istess intimati odjerni fejn talab il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni li garrab minhabba l-mod kif gie trattat waqt l-arrest tieghu. Din il-kawza giet deciza kontra r-*

*<u>rikorrent</u>, b'decizjoni moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2008. Dik il-Qorti cahdet it-talbiet tal-attur wara li qieset li t-talba tieghu ghad-danni civili kienet tinsab preskritta a bazi tal-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili. L-attur appella minn dik is-sentenza, u l-appell ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, pero`, jibqa' l-kaz li ghad-danni civili hemm proceduri pendenti u dawn id-danni ma jistghux jinghataw f'din il-kawza.*

*51. Jekk persuna titlob danni civili, dawn trid tkun intitolata ghalihom <u>fil-kuntest tal-ligi civili</u>, u jekk taht dak ir-regim, dik il-persuna tkun tilfet dak id-dritt (anke ghaliex halliet iz-zmien preskritt ghall-azzjoni jidekorri inutilment), ma tistax tirrikjama dawk id-danni minn din il-Qorti. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Spiteri v. Chairman Awtorita` tal-Ippjanar et**, deciza fil-25 ta' Gunju 1999:*

*"M'huwiex moghti lil persuna l-beneficcju li l-ewwel thalli jghaddi ghalxejn iz-zmien li fih setghet tiehu r-rimedju ghall-ksur tal-jedd taghha, u mbaghad tressaq ilment kostituzzjonali jew konvenzjonali dwar l-istess ksur bhallikieku l-procedura kostituzzjonali jew konvenzjonali kienet xi rimedju in extremis li wiehed jista' jirrikorri ghalih biex isewwi zball jew nuqqas li ma messux twettaq qabel."*

*"(ara ukoll il-kawza **Buttigieg v. HSBC Bank Malta Plc**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Ottubru 2006).*"

"Il-kwistjoni ta' danni civili, f'dan il-kaz, trid tithalla li tigi determinata mill-qrati ordinarji, bil-kumpens li jinghata f'dawn il-proceduri jkun ghall-oltragg li garrbu r-rikorrenti bl-atteggjament tal-Gvern. Dan hu kumpens li jrid jigi iffissat arbitrio boni viri mehud kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Din il-Qorti jidhrilha li tenut kont ta' l-istat ta' ansjeta' u incertezza li r-rikorrenti thallew joperaw fiha ghal snin twal, u d-diffikultajiet u skuzi li nholqu ghal xejn, hu gust li r-rikorrenti jinghataw kumpens ta' €50,000."

**<u>L-Appell tal-Ministru</u>**

10. Illi l-Ministru bbaza l-appell tieghu fuq erba' aggravji.

*L-ewwel Aggravju*

11. Huma fissru dan l-aggravju hekk:
"Hemm nuqqas ta' kjarezza u konsistenza bejn id-decide u l-konsiderazzjonijet maghmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghal dak li jirrigwarda l-punt tad-diskriminazzjoni....

"....illi fil-parti decizorja tas-sentenza attakkata nsibu li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet qed tilqa' l-ewwel talba in parte biss fil-konfront tal-Ministru esponent. Mandankollu f'din id-decide l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkwalifikatx b'mod car u espress b'liema manjera hija kienet qed tilqa' in parte din l-ewwel talba tar-rikorrenti appellati, u ghalhekk jezisti d-dubju dwar liema huma dawk il-partijiet mill-ewwel talba rikorrenti li gew milqugha u liema kienu dawk il-partijiet mill-istess talba li kienu qeghdin jigu michuda."

12. Ir-rikorrenti jispjegaw li fl-ewwel talba huma kienu qed jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li saret vjolazzjoni min-naha tal-intimati fil-konfront taghhom tal-Artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, kif ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 45 Kostituzzjonali u l-Artikolu 14 Konvenzjonali, izda fil-parti operattiva tas-sentenza l-ewwel Qorti qalet li kienet qed tilqa' biss parzjalment l-ewwel talba tar-rikorrenti minghajr ma pprecizat liema kienu dawk l-artikoli tal-ligi citati mir-rikorrenti li kienu qeghdin jigu milqugha jew michuda.

13. Jghidu li:
"..... ghalkemm ghall-esponenti jidher evidenti[1] mill-mod kif giet redatta d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, li ma kienx qed jinstab l-ebda ksur tal-Artikolu 45 [tal-Kostituzzjoni] u tal-Artikolu 14 [tal-Konvenjzoni], madankollu gjaladarba fil-konsiderazzjonijiet tas-sentenza ma hemmx specifikat b'mod espress li dawn l-artikoli ma gewx lezi mill-Ministru appellant u gjaladarba wkoll fid-decide hemm biss dikjarazzjoni generika .....dan jista'

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti.

jaghti lok ghal interpretazzjonijiet ekwivoci tas-sentenza ... fejn ghandu x'jaqsam mal-ilment tad-diskriminazzjoni."

14. In vena legali din il-Qorti tosserva li, kif jinsab ritenut:
"Hu pacifiku li l-gudikat johrog mid-dispozittiv tas-sentenza. Hu veru li biex jigi nterpretat tajjeb id-dispozittiv, jixraq li jigi raffrontat mal-motivazzjoni li hu wkoll parti mid-decizjoni ghad li minnha ma johrogx gudikat, kif u wkoll veru illi t-**termini generici tad-dispozittiv**[2] jistghu jigu ristretti mill-parti konsiderattiva tas-sentenza. Id-dispozittiv tas-sentenza ma jistax jittiehed separatament mill-motivazzjoni tal-istess sentenza imma jrid jigi defenit u spjegat mill-motivazzjoni." [***App.C Adrian Busietta v. Marco Attard*** *deciz 9/02/2001]*

"Sabiex tigi rikonoxxuta l-vera portata ta' sentenza jehtieg li ssir indagini tal-kwistjoni li fuqha l-gudikant kellu jippronunzja ruhu u d-diskussjoni li tkun ipprecediet il-gudizzju tieghu u ezami tad-dispositiv fl-interezza tieghu, billi dan jigi mqabbel u jitqiehed f'armonija mal-motivazzjoni, li wkoll tifforma parti mis-sentenza ghalkemm il-gudikat ma jemanax minnha, u meta d-dispozittiv ta' sentenza jigi formulat f'termini generici, it-tifsira tieghu tista tigi ristretta milli konsiderazjonijiet li jkunu immotivawh." [***App.Inf. MD Trucking Limited v. Joseph Pace*** deciz fl-20 ta' Ottubru 2003]

"Il-volonta` tal-gudikant tista' tittiehed anke mill-konsiderandi tas-sentenza u li d-dispositiv m'ghandux jittiehed separatament mill-motivazzjoni, izda ghandu jigi minn din defenit u spejgat. Ir-ragunament fil-motivazzjoni ta' sentenza u l-konkluzjoni minnu mehuda fil-kors tal-istess motivazzjoni, kemm-il darba tali konkluzjoni ma tiffor max parti mid-dispozittiv tas-sentenza nnifisha, tikkostitwixxi **decizjoni implicita**[3] kemm-il darba tali konkluzjoni tkun ifformat il-bazi u kienet necessarja sabiex wiehed jasal razzjonalment ghad-dispozittiv tal-istess. Decizjoni implicita ghandha l-Awtorita` kollha tal-gudikat."

[2] Enfasi ta' din il-Qorti.
[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

[***App.Inf. Tomlin Company Limited v. Jon David Limited*** deciz fl-20 ta' Ottubru 2003].

15. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tosserva li dan l-ilment tal-Ministru appellant mhuwiex gustifikat, kemm ghax fil-parti operattiva tas-sentenza l-ewwel Qorti kkwalifikat id-decizjoni taghha bil-kliem introduttiv *"Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi"*[4]*;* kif ukoll ghax, kif sottomess mill-istess appellant, *"jidher evidenti mill-mod kif giet redatta d-decizjoni tal-Ewwel Qorti"*[5] li ma kienx qed jinstab hati ta' agir disrkiminatorju bi ksur tal-Artikoli 47 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni.

16. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tieni aggravju*

17. Dan hu fis-sens li l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni huwa inapplikabbli f'dan il-kaz ghax ma kienx hemm tehid forzuz ta' proprjeta`, u fil-fatt jirrizulta pacifiku li l-vetturi dejjem baqghu fil-pussess assolut tar-rikorrenti. Dak li kien jezisti kienet restrizzjoni fl-uzu u fit-tgawdija ta' dawn il-vetturi, izda mhux it-tehid taghhom.

18. L-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fil-parti relevanti tieghu, jaqra hekk:
"Ebda proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jittiehed pussess taghha b'mod obbligatorju u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjeta` ta' kull xorta li tkun ma ghandu jigi miksub b'mod obbligatorju hlief meta hemm dispozizzjoni ta' ligi applikabbili ghal dak it-tehid ta' pussess jew akkwist:

"(a) ghall-hlas ta' kumpens xieraq..."

19. L-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jaqra hekk:
"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma

---

[4] Pga. 36 tas-sentenza
[5] Supra

ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi internazzjonali.

“Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu id-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta` skont l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni.”

20. Dan l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll jafferma tliet principji distinti, jigifieri, dak kontenut f’paragrafu 1 jenunzja in *via* generali li kulhadd ghandu jirrispetta d-dritt ta’ proprjeta` ta’ haddiehor. F’dan il-paragrafu hemm stabbilit ukoll il-principju li l-privazzjoni tal-proprjeta` ghandha ssir taht kondizzjonijiet ben definiti;

21. Taht il-paragrafu, 2 imbaghad, hemm rikonoxxut lill-Istat il-poter jew id-dritt li jirregola l-uzu tal-beni in konformita` mal-interess generali. Bejn it-tliet principji hemm rapport strett u l-gudikant ghandu jassigura ruhu li l-ahhar tnejn huma applikabbli qabel ma jippronunzja ruhu fuq l-okkorrenza tal-ewwel.

22. It-tieni u t-tielet principji jassumu riljev billi in tema ta’ vjolazzjoni ta’ dritt ta’ proprjeta`, ghandhom jigu interpretati fid-dawl tal-ewwel principju (***Litgow and Others v. U.K.*** 1987].

23. Fil-mertu jigi osservat li, minn qari tas-sentenza appellata ghandu jirrizulta car li l-vjolazzjoni riskontrata mill-ewwel Qorti kienet tirrigwarda tfixkil fit-tgawdija tal-vetturi proprjeta` tar-rikorrenti. Dan jirrizulta car mis-sentenza fejn gie osservat hekk:
“Dwar it-tielet ilment, marbut mal-kondotta tal-intimati in relazzjoni mat-talba tar-rikorrenti li joperaw *open-top buses* fis-suq Malti, din il-Qorti tara ......... li hemm nuqqasijiet da parti tal-intimat Ministru li wasslu li r-

rikorrenti .... isofri tfixkil mhux gustifikat fit-tgawdija[6] tal-proprjeta` taghhom".[7]

................................ omissis ................................

"L-inattivita` tal-Gvern li jirregolarizza dan is-suq ghal tul ta' snin, jammonta ghall-interferenza mhux f'waqtha fit-tgawdija mir-rikorrenti tal-possedimenti tieghu, u dan minhabba l-incertezza li l-Gvern ippermetta li tibqa' tissussisti ghal zmien twil fis-suq lokali. Ghal dan irid iwiegeb il-Gvern, u mhux l-Awtorita`, billi jhallas kumpens gust u xieraq."

24. Ferm il-premess, m'ghandux ikun hemm dubju li l-vjolazzjoni li rriskontrat l-ewwel Qorti kienet tirrigwarda biss id-dritt fundamentali sancit fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, fuq citat, li hu aktar wiesgha mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk dik il-Qorti ma pronunzjatx ruhha dwar dan tal-ahhar.

25. Din il-Qorti tosserva li, gjaldarba l-ewwel Qorti ddecidiet li fil-kaz odjern tikkonfigura vjolazzjoni taht l-artikolu Konvenzjonali, ma kienx hemm lok li tistharreg ukoll jekk kienx hemm vjolazzjoni tad-dritt sancit bl-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, fis-sens li tezamina l-punt jekk l-interferenza ingustifikata fit-gawdija tal-proprjeta` tar-rikorrenti kienitx ukoll tammonta ghal tehid forzus tal-proprjeta` fis-sens ta' esproprijazzjoni *de facto*, ghax dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi ghandhom l-istess ghan li jipprotegu d-dritt tal-proprjeta` minn interferenza ngusta u minghajr kumpens. Fiz-zewg kazijiet ir-rimedju li jista' jinghata huwa l-istess.[8]

26. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma spjegattivi tal-fatt ghaliex l-ewwel Qorti naqset li tistharreg u tiddeciedi jekk f'dan il-kaz kienitx tezisti vjolazzjoni tal-Artikolu 37. Dan jirrizulta car mill-korp tas-sentenza, u ghalhekk l-ilment tal-Ministru li *"mhuwiex car jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti*

---

[6] Sottolinear ta' din il-Qorti
[7] Pg.31
[8] Vide ***Q.Kos. Carmelo Vella et v. Il-Kummissarju tal-Pulizija*** *et* deciz 24 ta' Settembru 2010;

*effettivament sabitx ksur ta' dan l-artikolu tal-Kostituzzjoni..."* huwa manifestament infondat u bla bazi.

27. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-tielet aggravju*

28. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabet lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni fil-konfront tal-Ministru appellant. Jghid li r-rikorrenti ma kellhomx licenzja, u ghalhekk ma jistax jinghad li kellhom 'possediment', fit-termini tal-artikolu precitat u li gew privati minnu jew imfixkla fl-uzu tieghu. Fil-kaz odjern kien hemm biss restrizzjoni gustifikata dwar it-tgawdija tal-vetturi taghhom. Jghid:
"Dan l-artikolu tal-konvenzjoni jipprotegi biss dak il-possediment li jkun gja ezistenti u mhux dak id-dritt li wiehed jista' jew jixtieq jakkwista fil-futur. Fil-kaz odjern, l-appellat qatt ma kellu licenzja tal-*open-top buses* bhala possediment tieghu, ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issib li l-appellat gie mfixkel fil-pussess ta' xi haga li effettivament qatt ma kienet tieghu."

29. L-appellant jghid ukoll li lanqas jista' validament jinghad li r-rikorrenti kellhom aspettattiva legittima, ghax:
"...[ir-rikorrenti] appellati qatt ma kellhom xi dritt awtomatiku ghall-hrug ta' licenzja sabiex ikun jistghu juzaw il-vetturi taghhom. Il-fatt li kienu xtraw vetturi ma jfissirx li awtomatikament kellhom dritt mill-ewwel jibdew juzawhom bil-mod kif riedu huma. Jista' jkun li l-appellati xtaqu li kellhom licenzja jew inkella kienu tal-fehma li ghandhom jithallew joperaw l-*open-top buses* li kienu xtraw, izda dan ma jfissirx li ghalhekk biss kellhom xi dritt protett mill-Konvenzjoni u/jew mill-Kostituzzjoni."

30. L-istess appellant ikompli jghid:
"L-esponent lanqas ma jaqbel mal-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti illi l-fatt li l-Ministru hareg r-regolament fis-sena 2009 allura *per konsegwenza* l-appellati sofrew vjolazzjoni. Il-fatt li l-Avviz Legali sar fis-sena 2009 mhux konducenti ghal ebda ksur tad-dritt tal-proprjeta`...... peress li, fl-ewwel lok l-appellat ma kellu l-ebda possediment ai

termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u wisq anqas kellu aspettattiva legittima. Inoltre, l-istat ghandu kull dritt li jirregola s-suq tat-trasport fil-paramentri tal-ligi... [u] kull dritt jimplimenta politika dwar it-trasport...... L-Istat ghandu d-dritt li jirregola s-suq nazzjonali abbazi ta' konsiderazzjonijiet ta' sigurta`. L-esponenti jissottometti wkoll li l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust ma ddikjaratx illegali l-politika restrittiva u dan peress li l-gurisdizzjoni tal-Kummissjoni hija limitata ghal agir anti-kompetittiv da parti ta' intrapriza. Id-decizjoni tal-Kummissjoni torbot biss fir-rigward tal-fatti li kienu in kwistjoni, u cioe` tat-tlett open-top buses mertu ta' dik il-kwistjoni, izda qatt ma tista' tigi nterpretata bhala dikjarattiva ta' xi pozizzjoni legali."

31. L-appellant jichad li hu kaxkar saqajh biex dahhal ir-regolamenti godda, u jiggustifika l-pozizzjoni tieghu billi f'temp ta' seba' xhur biss, wara d-decizjoni tal-imsemmija Kummissjoni, huwa dahhal regolamenti godda sabiex jirregola s-suq <u>kollu</u> tat-trasport.

32. Fl-ewwel lok, in vena legali din il-Qorti tosserva li, kif ritenut minn din il-Qorti fil-kaz, citat mill-appellant, ***Michael Zammit v. Perit Joseph Ellul Vincenti*** nomine deciza fil-31 ta' Lulju 1996:
"Hu immedjatament ovvju li l-protezzjoni tal-konvenzjoni hi favur it-tgawdija pacifika tal-possedimenti ta' kull persuna u kontra li jigu pprivati minnhom hlief fl-interess pubbliku. Ovvju wkoll li dan id-dritt ma jezistix u allura ma jistax jigi vjolat jekk il-persuni, f'dan il-kaz l-appellant, ma jipprovax li huma ghandhom jew kellhom, fil-mument tal-allegata vjolazzjoni, il-possedimenti li minnhom jallegaw li gew illegalment u abbuzivament ipprovati."

33. Ukoll, fil-kaz ***Anthony Attard et v. Unjoni Haddiema Maghqudin***, deciz fit-28 ta' Gunju 2011, din il-Qorti osservat hekk dwar il-kuncett ta' possediment protett mill-Konvenzjoni;
"Dwar l-ewwel element, ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira moghtija lill-kelma **"possedimenti**" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija wahda wiesa u zgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' semplici proprjeta`. Kemm hu hekk "*the word*

*'possessions' … indicates that a wide range of proprietal interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporeal and incorporeal interests, such as shares and patents. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions.* ***The essential characteristic is the acquired economic value of individual interest***" (ara Harris, O'Boyle & Warbrick, "*Law of the European Convention on Human Rights",* (1995 Edit.) pagna 517). Kemm hu hekk, inghad li "*Property or possessions for the purposes of attracting the protection of Art. 1 of Protocol No. 1 covers a wide range of interests. Possession has an autonomous meaning independent of formal classification in domestic law, although recognition of a proprietary interest by domestic courts is in practice highly relevant. It is not limited to ownership of physical goods: other rights and interests constituting assets can also be regarded as property rights. An interest in property, even if revocable in certain circumstances, can constitute a possession for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1* (ara K. Reid, "Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights" (2008 Edit.) pagna 502). Tant il-kelma "possedimenti" trid tinghata tifsira ampja illi skont ma jinghad fil-ktieb ta' Van Dijk et, *"Theory and Practice of the European Convention on Human Rights"* (2006 Edit.) pagna 869. "*According to constant case-law, "possessions" may be either existing possessions or valuable assets, including claims, in respect of which the applicant can argue that he has at least a "legitimate expectation of obtaining effective enjoyment of a property right*."

34. Illi ghall-ahjar intendiment ta' din il-parti tas-sentenza, din il-Qorti ser tissenjala s-segwenti fatti relevanti ghall-aggravju in dizamina:

35. Illi qabel ma importa l-ewwel tlett *open-top buses*, Angelo Spiteri, id-*dante causa* tar-rikorrenti kien kiteb lill-Awtorita` appellata sabiex taghtih l-awtorizzazzjoni li jimporta dawn il-vetturi fit-toroq Maltin. Mat-talba tieghu huwa kien specifika d-dimensjonijiet u l-fatturi kollha relattivi tat-tlett vetturi. Konsegwentement fis-27 ta' April

1993 it-talba tieghu giet milqugha mill-istess Awtorita` f'dawn it-termini:
"Please refer to your letter of the 3 February, 1990 regarding the importation of open top buses –

"I am directed to inform you that the Public Transport Authority has no objection to your request, provided that such buses operate in accordance with the conditions outlined below.

"1.The vehicles must;

"1.1 confom to Police Regulations at all times.

"1.2 conform to Public Transport Authority regulations at all times.

"2. The vehicles may be used to carry seated passengers only from a site registered with the Public Transport Authority to any other place in Malta and must return to the same site with all the passengers.

"3. Passengers can only board the vehicles at the place registered with the Public Transport Authority and must not be allowed to alight along the route.

"4. A certified tourist guide must be on the vehicle *en route*.

"5. The operators are precluded from carrying advertising."

36. Mill-provi jirrizulta wkoll li anke Supreme Travel Limited, kompetitrici tar-rikorrenti, kienet fl-istess zmien, importat tlett *open-top buses* simili ghal tar-rikorrenti, bl-istess kundizzjonijiet imposti fuq Angelo Spiteri.

37. Illi meta l-vetturi, kemm ta' Angelo Spiteri kif ukoll tas-socjeta` imsemmija, ngiebu Malta, u gew debitament sdoganati, l-Awtorita` kienet irrifjutat li tirregistrahom u tillicenzjahom, peress li ma kienux konformi mar-regolamenti tal-pulizija vigenti dak iz-zmien in kwantu

ghall-gholi taghhom. Konsegwenza ta' dan, l-operaturi hadu passi gudizzjarji kontra l-Awtorita` tat-Trasport, sabiex din tigi ordnata tillicenzja dawn il-vetturi, anke tenut kont tal-fatt li kien hemm vetturi tal-istess gholi fit-triq.

38. Izda b'decizjoni moghtija fid-19 ta' April 2004 il-Qorti Kostituzzjonali osservat li ma setghetx tilqa' t-talba taghhom ghar-registrazzjoni u licenzjar tal-vetturi, peress li l-gholi taghhom kien in vjolazzjoni tar-regolament 173 [illum 201 tal-A.L. 128/1994] tal-Motor Vehicles Regulations. Fi kliem iehor, dawn il-vetturi, kemm ta' Angelo Spiteri u kemm tal-kompetitur l-iehor, ma setghux jigu licenzjati ghax kienu vjolattivi tal-ligi vigenti dak iz-zmien.

39. Illi r-raguni principali wara r-rifjut da parti tal-Awtorita` li tillicenzja dawn il-vetturi ghall-uzu fit-triq, kienet il-perikolu ta' passiggieri, fis-sular ta' fuq, f'kaz li dawn iqumu bil-wieqfa waqt li l-vettura tkun ghaddejja fit-triq. Eventwalment din ir-raguni ma baqghetx aktar tissussisti meta l-Awtorita` harget tender esklussiv fuq rotot stabbiliti, wara li ccertifikat dawn ir-rotot sikuri.

40. Fil-mori ta' dawk il-proceduri, fit-3 ta' Marzu 1997 l-Awtorita` kienet baghtet fax lill-istess Angelo li kienet taqra hekk:
"It is the intention of the Public Transport Authority that licences will be granted for operation of Open Top Buses. You are cordially invited to put forward your views in this respect. We would appreciate receiving your views by March 5$^{th}$ 1997."

41. Sussegwentement b'ittra datata 22 ta' April 1997 l-istess Awtorita` informat lir-rikorrenti li:
"The Board is favourably considering allowing you to operate the "Open Top Buses". In view of the above we shall be forwarding you in the near future the relative terms and conditions for your perusal."

42. Illi meta Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004, bdew japplikaw id-direttivi 96/53KE u 97/27K li jawtorizzaw gholi massimu ta' 4 metri ghal *coaches*,

Ghalhekk l-gholi tat-tlett vetturi tar-rikorrenti gew konformi ma' dak permess mil-ligi.

43. Fil-25 ta' Novembru 2004 ir-rikorrenti kitbu lill-Awtorita` fejn, filwaqt li rreferewha ghall-awtorizzazzjoni li kienet tat lil Angelo Spiteri fis-sena 1993, talbu lill-istess sabiex issa tirregistra u tillicenzja dawn il-vetturi; izda baqghu bla twegiba, u ghalhekk intbaghtet ittra ohra fit-18 ta' Frar 2005 ghall-istess ghan.

44. Illi wara li nghatat l-imsemmija decizjoni minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sena 2004, il-Gvern u Awtorita` appellata, iddecidew li jirregolaw is-suq tal-*open-top* buses billi jghatu permess esklussiv lil operatur wiehed biex jahdem f'dan is-suq. Harget sejha ghall-offerti fis-sena 2006, li ghaliha applikat biss Supreme Travel Limited, filwaqt li r-rikorrenti ma applikawx, izda dawn sostnew li, minkejja dan it-tender, huma xorta wahda kellhom dritt li joperaw f'dan is-suq bil-vetturi taghhom. Sa dak iz-zmien, u skont il-kundizzjonijiet tat-tender, il-kundizzjoni tal-gholi ta' 4 metri, ma kienitx baqghet aktar mandatorja, izda preferenzjali. Ghandu jinghad pero` li dan it-tender inhareg fuq rotot stabbiliti li skont l-Awtorita` kienu aktar sikuri.

45. Illi fil-15 ta' Ottubru 2008, rizultat ta' proceduri mressqa mir-rikorrenti, il-Kummissjoni ghal Kompetizzjoni Gusta, iddecidiet, wara li ghamlet osservazzjonijiet f'termini iebsin, li l-agir tal-Awtorita` fil-konfront tar-rikorrenti kien illegali u vjolattiv tal-Artikolu [9][2]e] tal-Att dwar il-Kompetizzjoni Gusta, [promulgat fis-sena 1995] stante li jfixkel illegalment il-kompetitzzjoni f'dan is-suq.

46. L-ghada ta' din id-decizjoni, il-Ministru appellant rrilaxxja stqarrija li fiha, *inter alia*, iddikjara li l-Gvern hu favur li jitnehhew ir-restrizzjonijiet li kienu jezistu sa dak in-nhar fis-suq tat-trasport, bil-ghan li jilliberalizza din l-attivita` ekonomika. Jghid li:
"Hu car li dan il-principju jghodd ghas-setturi kollha tat-trasport ....... llum ma fadalx skop iehor ghajr li titwettaq

politika ta' suq miftuh fis-setturi kollha tat-trasport pubbliku kif qieghed jipproproni il-Gvern."[9]

47. Illi wara d-decizjoni tal-Kummissjoni, l-Awtorita` informat lir-rikorrenti b'ittra datata 5 ta' Novembru 2008, li *"On the basis of the Commission's decision"* l-Awtorita` kienet qeda tawtorizza ir-registrazzjoni u l-licenzjar tat-tlett vetturi importati minnhom, u li *"until a formal policy on the operation of open-top buses is announced, these vehicles can operate in the unscheduled sector."* Hija rabtet din l-awtorizzazzjoni ma' kundizzjonijiet specifikati fl-istess ittra, fosthom li: *"All seats at upper deck are to be equipped with lap belts and a clear caution notice will be written at least in English, Maltese, German, Spanish, Italian and French, regarding the compulsory wearing of seatbelts and prohibition of passengers standing when the open-top bus is in operation.*

48. Illi kemm id-decizjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll l-imsemmija stqarrijja gew interpretati minn operaturi prospettivi li riedu jahdmu f'dan is-settur, fis-sens li dan is-settur kien qed jigi liberalizzat, bir-rizultat li f'temp qasir dahhlu mas-46 applikazzjoni minn operaturi prospettivi, fosthom dawk tar-rikorrenti li, sussegwentement ghar-registrazzjoni u licenzjar tat-tlett *open-top* buses importati minnhom fis-sena 1993, importaw tmien [8] vetturi ohra. Sa dan ittant il-kompetitur tar-rikorrenti kienet qed topera tnax il-vetturi ta' dan it-tip.

49. Rizultat tan-numru kbir ta' applikazzjonijiet, il-Gvern hass li, qabel ma dawn jigu kkonsidrati mill-Awtorita`, is-suq f'dan is-settur kollu tal-*"unscheduled public transport sector"* liema policies kienu ser ikopru *"coaches [including but not limited to open top]*[10] , u ghalhekk kien ta direttiva lill-Awtorita` sabiex tissospendi l-ipprocessar ta' dawn l-applikazzjonijiet sakemm eventwalment, circa seba' xhur wara, hareg l-Avviz Legali 145/2009. It-tmien vetturi importati mir-rikorrenti ma kienux jissodisfaw ir-rekwiziti ta'

[9] Vol.1 fol.189
[10] Vol.1 – fol.46

dawn ir-regolamenti l-godda, u ghalhekk l-Awtorita` irrifjutat li tirregistrahom.

50. Illi wara proceduri gudizzjarji konsegwenzjali ghal dan ir-rifjut, istitwiti mir-rikorrenti, l-Onorabbli Qorti tal-Appelli fil-kawza ***Garden of Eden Limited v. Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta*** deciza fit-28 ta' Gunju 2012, kkonfermat is-sentenza tal-Prim' Awla, fis-sens li l-applikazzjonijiet ta' dawn it-tmien vetturi kellhom jigu ikkonsidrati skont il-qafas legali vigenti fiz-zmien li saru l-applikazzjonijiet, u mhux skont l-imsemmi avviz legali.

51. Dik l-istess Qorti *obiter* ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:
"Jirrizulta illi l-imsemmija decizjoni [tal-Kummissjoni tal-15 ta' Ottubru 2008] kienet accettata minn TM [Transport Malta], tant li permezz ta' ittra datata 5 ta' Novembru 2008[11] TM gharrfet lil GOE [Garden of Eden] illi kienet qeghdha tawtorizza rregistrazzjoni u l-licenzjar tal-istess vetturi u li sakemm ma tinharigx politika formali fuq l-operat tal-*open top buses,* l-istess vetturi setghu jigu operati fl-*unscheduled sector.* Ghalhekk, la darba TM aderiet mad-decizjoni tal-Kummissjoni, u la darba baqghet ma hargitx il-politika formali msemmija fl-istess ittra, GOE [Garden of Eden] kellha *legitimate expectation* li t-tmien vetturi l-ohra kienu se jigu licenzjati bl-istess mod stante li sad-data li fihom gew importati ma kien hemm l-ebda regolamenti ohra li kienu jimpedixxu tali registrazzjoni."[12]

52. Relattivament ghas-sospensjoni tal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet fuq direttiva Ministerjali, dik l-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjoni:
"Jinghad illi TM kienet taf, jew messa kienet taf, li hija ma setghetx tabdika mill-obbligazzjonijiet imposti fuqha mil-Ligi u thalli lill-GOE tistenna xhur, minkejja li kienet taf bid-decizjoni tal-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust li kienet irrimettiet ruhha ghaliha...."

---

[11] Vol.1 fols.191-192 tal-kawza odjerna
[12] Para.25

53. Ferm il-premess, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet.

54. Illi mit-termini tal-imsemmija ittra tas-27 ta' April 1993 ghandu jirrizulta car li l-awtorizzazzjoni kienet qeghda tinghata sabiex dawn il-vetturi importati jintuzaw ["to operate"] fuq rotot stabbiliti u ghal giti turistici. Hekk per ezempju il-kundizzjoni numru 4 tezigi li *"a certified tourist guide must be on the vehicle en route."* Kundizzjonijiet ohra kienu jirreferu ghal "seated passengers" u li l-vetturi setghu joperaw biss fir-rotot stabbiliti mill-Awtorita`.

55. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-imsemmi Spiteri kellu aspettattiva legittima li, wara li importa dawn il-vetturi, u hallas id-dazju u l-mizati relattivi, u wara li l-gholi tal-vetturi gie konformi mal-ligi vigenti meta Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea fis-sena 2004, dawn il-vetturi kellhom jigu registrati u licenzjati sabiex huma jkunu jistghu joperaw bihom f'dan is-settur fuq rotot stabbiliti appozitament mill-Awtorita` u bil-kundizzjonijiet imposti fl-istess awtorizzazzjoni.

56. Ghalhekk, ghalkemm huwa minnu dak sottomess mill-Ministru appellant li hadd m'ghandu dritt awtomatiku ghal hrug tal-licenzja u li l-Gvern flimkien mal-Awtorita` tat-trasport ghandu d-dritt, jew ahjar ir-responsabbilita` li jirregola s-suq tat-trasport, izda fil-kaz ta' Angelo Spiteri, japplikaw it-termini tal-ittra fuq indikata, fejn jerga' jinghad li dan gie awtorizzat jimporta t-tlett vetturi de quo, bil-kundizzjoni li dan jopera dawn il-vetturi skont il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Awtorita`.

57. Illi dwar ir-raguni ta' sigurta` li l-Awtorita` kienet tat ghar-rifjut taghha li tirregistra u tillicenzja dawn il-vetturi, din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti, li din l-iskuza kienet wahda "banali." Din il-Qorti tosserva li dan kien pretest logikament insostenibbli, tenut kont tal-fatt li l-awtorizzazzjoni kienet inghatat bil-kundizzjoni li l-vetturi joperaw fuq rotot stabbiliti mill-Awtorita`, li allura minnha kien mistenni li ticcertifika dawk ir-rotot bhala sikuri. Din il-konsiderazzjoni tinsab fortifikata bil-fatt li, kemm meta hareg it-tender fis-sena 2006, kif ukoll meta

eventwalment, wara d-decizjoni tal-Kummissjoni fis-sena 2008, il-vetturi kellhom joperaw fuq rotot stabbiliti mill-Awtorita` liema toroq kienu ccertifikati minnha bhala sikuri.

58. Ghalhekk l-Awtorita`, korp imwaqqaf mill-Istat sabiex, *inter alia,* jaghti parir lill-Ministru tat-trasport, u jassigura l-implimentazzjoni ta’ *policies* addottati mill-Ministru, meta hadet id-decizjoni li tirrifjuta li taghti licenzja lil Angelo Spiteri, anke wara Mejju 2004, bl-ghemil taghha fixklet lil dan fit-tgawdija pacifiku tal-vetturi tieghu bi vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, flimkien mal-Ministru li, kif osservat, mill-ewwel Qorti halla hafna zmien jghaddi, qabel ma eventwalment hareg regolamenti li rregolaw is-suq fis-sena 2009 b’detriment ghar-rikorrenti li sa Novembru 2008 gew imfixkla fit-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghhom.

59. Ghaldaqstant dan l-aggravju tal-Ministru appellant, kif ukoll it-tieni aggravju tar-rikorrenti appellanti [infra] huma infondati.

*Ir-raba’ aggravju*

60. Dan jirrigwarda l-ghazla tar-rimedju u mhux il-*quantum* tal-kumpens, u huwa fis-sens li r-rimedju kellu jkun limitat ghal dikjarazzjoni ta’ vjolazzjoni, izda mhux ghall-hlas ta’ somma, peress li ghall-hlas ta’ danni civili hemm disponibbli proceduri quddiem il-qrati ordinarji. L-appellant jghid ukoll li *“l-iskop tad-dispozizzjonijiet dwar id-drittijiet fondamentali huwa sabiex jigu stabbilit standards u s-sejbien ta’ vjolazzjoni ta’ dawn l-istandards huma r-rimedju ewlieni.”*

61. Din il-Qorti tirribadixxi dak li osservat l-ewwel Qorti, u cioe` li l-kumpens moghti ma kienx inghata sabiex jaghmel tajjeb ghat-telf ekonomiku li soffrew ir-rikorrenti, imma nghata limitatament ghal-lezjoni tad-dritt konvenzjonali subita minnhom meta dawn thallew fi stat ta’ ansjeta` u incertezza ghal snin twal li matulhom gew privati illegalment mit-tgawdija tal-possedimenti taghhom.

62. Kif ritenut minn din il-Qorti fil-kawza ***Vica Limited v. Kummissarju tal-Artijiet*** **et** deciza fit-3 ta' Frar 2012:
"Din il-Qorti, izda, tirritjeni li f'kazijiet bhal dak odjern il-proceduri kostituzzjonali ghandhom il-ghan li jindirizzaw il-lezjoni tad-dritt fundamentali billi kemm jista' jkun ipoggu lic-cittadin f'pozizzjoni daqs li kieku dak il-ksur qatt ma sehh. Jekk wiehed irid jitkellem fuq *standards* allura dak stabbilit minn din il-Qorti f'kazijiet simili ghal dan hu fis-sens li <u>ghandu jinghata kumpens pekunjarju ghal-lezjoni sofferta</u>." [para.109].[13]

63. Kif sottomess mir-rikorrenti, f'kazijiet bhal dawn, l-ordinament guridiku ordinarju ma jghatux dritt ghall-kumpens morali. Dan jista' jinghata biss ghal ksur ta' drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali, ghalhekk l-argument tal-apellant li din il-Qorti ma takkordax kumpens lir-rikorrenti stante li dawn kellhom qabel jadixxu lil qrati ordinarji ghar-rizarciment tad-danni civili huwa infondat. Jigi ribadit li l-kumpens moghti lir-rikorrenti kien ghal-lezjoni konvenzjonali subita.

64. Ghalhekk dan l-aggravju huwa nfondat.

## <u>L-Appell tar-Rikorrenti</u>

*L-ewwel aggravju*

65. Dan hu fis-sens li l-Prim Ministru huwa legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma kellux jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Ir-rikorrenti appellanti jsostnu li gjaladarba qed tigi attakata l-kostituzzjonalita` ta' ligi, f'dan il-kaz, provvedimenti tal-Avviz Legali 149/2009, allura l-Prim Ministru ghandu l-legittimita' passiva f'dawn il-proceduri. Huma jsostnu din it-tezi, fuq dak li jghid s-sub-inciz [2] tal-Artikolu 242 [1] tal-Kapitolu 12, li fil-kaz li ligi tigi dikjarata li tivvjola l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea, il-Prim Ministru ghandu s-setgha diskrezzjonali li fi zmien sitt xhur inehhi dik il-parti tal-ligi li tkun inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni jew mat-tnejn. Fuq l-iskorta ta' din id-dispozizzjoni tal-ligi

[13] Sottolinear ta' din il-Qorti

procedurali, ir-rikorrenti jsostnu li l-Prim Ministru, fil-kaz odjern, huwa legittimu kontradittur.

66. Fir-rigward din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

[66.1] Li l-imsemmija dispozizzjoni ma tidderoga xejn minn dak li jghid l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. Dan l-artikolu jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kelllu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - *quod lex voluit lex dixit.* Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza ***H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali*** moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali.

Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza ***Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija*** *et* deciza fil-31 ta' Lulju 2000:

"....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor. Dan ifisser li s-sentenza appellata kienet korretta in kwantu lliberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju ..... Kienet invece skorretta fejn illiberat lill-Avukat Generali mill-osservanza tal-gudizzju ghaliex

certament hu l-Avukat Generali li kellu jirrispondi almenu ghal dik il-parti tal-lanjanza kostituzzjonali li tattakka l-validita` ta' provvediment legislattiv."[14]

[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakolta` lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru appellat li, *"ir-referenza lejn il-Prim Ministru [fl-Artikolu 242] ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-kap tal-fergha legislattiva tal-istat"* biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati.

[66.3] Illi fil-kaz odjern, il-pozizzjoni legali hija aktar cara, stante li dak li qed jigi attakkat huma provvedimenti ta' ligi sussidjarja maghmula, mhux mill-Parlament, izda mill-Ministru appellat wara konsultazzjoni mal-Awtorita` intimata bis-setgha moghtija lilu bl-Artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku u bl-Artikolu 32 tal-Att dwar l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta. Ghalhekk ir-rikorrenti kienu korretti meta f'dan il-kaz ipprocedew kemm lill-Ministru appellat kif ukoll lill-Awtorita` appellata.

[66.4] Fl-ahhar ma jistax ma jigix osservat li donnhom lanqas ir-rikorrenti ma kienu certi minn dan l-aggravju taghhom meta prezentaw ir-rikors gurament, tenut kont tal-fatt li l-Prim Ministru gie mharrek minnhom "ghal kull interess li jista' jkollu".

67. Ghadaqstant dan l-aggravju qed jitqies infondat.

*It-tieni aggravju*

68. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin meta cahdet it-talbiet kontra l-Awtorita`, u dan peress li kien hemm provi bizzejjed ghall-akkoljiment tat-talbiet taghhom fil-konfront tal-istess

[14] Pgi.26 u 27

Awtorita`. Isostnu li kien hemm l-estremi mehtiega sabiex anke l-Awtorita` appellata tigi misjuba hatja ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom, tant li anke l-istess Qorti ddeskriviet bhala "banali" ir-raguni li kienet taghti l-Awtorita` ghar-registrazzjoni u licenzjar tal-vetturi. L-Awtorita` dahlet f'*system of conduct* perduranti ghal diversi snin li xxekkel u twaqqaf lir-rikorrenti milli jaghmlu uzu tal-vetturi taghhom.

69. Dan ukoll jikkostitwixxi lezjoni tad-dritt sancit bl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Izda b'dana kollu l-ewwel Qorti qalet li l-ghemil tal-Awtorita` kien *rite et recte* mil-lat amministrattiv, u dan kemm wara li l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust fid-decizjoni taghha tal-15 ta' Ottubru 2008 iddikjarat li n-nuqqas tal-hrug tal-permess ghat-tlett vetturi importati kien wiehed illegali u li jfixkel il-kompetezzjoni, kif ukoll wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kaz ***Garden of Eden***[15] fit-18 ta' Gunju 2012 ikkundannat bhala "agir skorrett u sleali" is-sospensjoni tal-ipprocessar tal-applikazzjonijiet licenzji min-naha tal-Awtorita` fuq direttiva Ministerjali, bir-rizultat li dawn l-applikazzjonijiet, inkluzi allura dik tar-rikorrenti dwar it-tmien vetturi importati, sospizi ghal xhur shah sakemm eventwalment hareg l-Avviz Legali 149/2009.

70. F'dan l-aggravju, ir-rikorrenti appellanti jsostnu wkoll li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti kontra d-diskriminazzjoni, meta, filwaqt li lill-kompetitur taghhom tawhom il-licenzji relattivi ghat-tnax-il vettura impurtata, lir-rikorrenti kienu baqghu jirrifjutaw li jaghtuh licenzja fuq it-tlett buses importati minnu. Fi kliemhom: *"Ma jistax jitqies li l-agir tal-Awtorita` kien rite et recte billi l-istess agir kien wiehed diskriminatorju u kien ezercitat b'diskrezzjoni arbitrarja tal-Awtorita` intimata."*

71. Min-naha taghha, l-Awtorita` tghid li, filwaqt li l-Istat ma kellu ebda obbligu li jilliberalizza s-suq, imma kellu dritt li jirregola s-suq b'restrizzjonijiet mehtiega, fis-sena 2006 hija tat kuntratt esklussiv.

---

[15] Fuq citat

"F'dan il-kaz il-Gvern u l-Awtorita` kienu ghazlu li jbiddlu l-politika taghhom dwar is-suq tal-*open top buses* u ddecidew li l-Awtorita` kellha tohrog tender esklussiv ghall-ghoti tas-servizzi tal-passiggieri permezz ta' *open-top bus* fuq rotot stabbiliti mill-Awtorita` stess, wara li tkun assigurat li dawn ir-rotot ma kienu jimponu ebda riskju ghall-passiggieri."

72. Din il-Qorti tosserva li, fir-rigward tal-allegat ksur tad-dritt tar-rikorrenti kontra d-diskriminazzjoni, ir-rikorrenti appellanti m'ghandhomx ragun, principalment ghax il-kompetitur taghhom Supreme Travel Limited kien thalla jopera fuq is-suq, wara li kien ha tender esklussiv, li ghalih ir-rikorrenti ghazlu li ma applikawx. Ghalhekk ma hemmx sitwazzjoni ta' *'like with like'* tenut kont tal-fatt li, filwaqt li Supreme Travel Limited kienet qed topera taht kuntratt tal-gvern, il-pozizzjoni tar-rikorrenti ma kienitx l-istess.

73. Illi rigward id-dirtt fundamentali kontemplat fl-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghumula minnha fit-trattazzjoni tat-<u>tielet aggravju tal-Appell tal-Ministru</u>, fejn spjegat b'mod ampju r-responsabbilita' anke tal-Awtorita` ghat-tfixkil tar-rikorrenti fit-tgawdija tal-possedimenti taghhom, u li ghal dawk ir-ragunijiet, u fil-kuntest tac-cirkostanzi ta' fatt hemm delineati, l-istess Awtorita` hija responsabbli mal-Ministru appellat ghal-lezjoni subita.

74. Illi rigward ir-rimedju da parti tal-Awtorita`, din il-Qorti tosserva li, filwaqt li hi tal-fehma li anke l-Awtorita` hija responsabbli ghall-lezjoni tad-dritt konvenzjonali tar-rikorrenti, kontemplat fl-artikolu protokollari fuq indikat, izda l-kumpens mghoti lir-rikorrenti mill-ewwel Qorti mill-Istat huwa wiehed adegwat, u ghalhekk mhux il-kaz li dan jigi awmentat billi jigi addebitat kumpens ulterjuri da parti tal-Awtorita` . Ghalhekk, u ghal din ir-raguni biss, il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzi dikjarazzjoni ta' sejbien ta' lezjoni da parti tal-Awtorita` hija f'dan il-kaz sufficjenti.

*It-tielet aggravju*

75. Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin ta' fatti u ta' ligi meta rrespingiet l-ewwel talba taghhom in kwantu bazata fuq l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem [il-Konvenzjoni] b'referenza ghat-tfassil tar-regolamenti kontenuti fl-Avviz Legali 149/2009. Huma jilmentaw mill-fatt li fit-tfassil tar-regolamenti, l-Awtorita` hadet in konsiderazzjoni l-vetturi operati minn Supreme Travel Limited u mhux ukoll il-vetturi tar-rikorrenti.

76. Din il-Qorti, hi tal-fehma li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-osservazzjonijiet taghha fir-rigward. Ghandu jigi senjalat il-fatt li, anke jekk Supreme Travel Limited fl-operat taghha kienet agixxiet in vjolazzjoni tal-kuntratt moghti lilha permezz tat-tender mahrug fis-sena 2006, il-fatt jibqa' li t-tnax-il vettura importati minn Supreme Travel Limited u li kienu qed joperaw fis-suq, kienu gew importati rizultat ta' kuntratt li din kellha mal-Gvern u sabiex tissodisfa l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha fir-rigward. Ghalhekk anke din il-Qorti ma tara xejn illecitu fil-fatt li l-appellati, fit-tfassil tar-regolament de quo, l-appellati hadu in konsiderazzjoni l-*ispecifications* ta' dawn il-vetturi, u mhux dawk tar-rikorrenti.

77. Ir-rikorrenti appellanti jsostnu li whud mir-regolamenti specifikati minnhom huma lezivi tad-dritt fundamentali taghhom kontra d-diskriminazzjoni, u cioe` ir-regolamenti 26 u 39, 69, 116 u 117 tal-avviz legali fuq indikat.

78. Rigward ir-regolamenti 26 u 39, kif korrettament sottomess mill-Awtorita` appellata, it-trasport b'kabotagg[16] li jirregola t-trasport bejn il-pajjizi Stati Membri tal-Unjoni Ewropea bil-fors irid jigi regolat b'mod konformi mad-direttivi tal-istess Unjoni Ewropea. Dawn id-direttivi jimponu rekwiziti minimi li kull Stat Membru jrid jaderixxi ruhu maghhom u jimplimentahom fil-ligi tieghu. Izda, ghandu jirrizulta car li dan ma jfissirx li l-Istati Membri individwali ma jistghux jimponu kundizzjonijiet aktar rigoruzi jew partikolari ghas-suq individwali fuq l-operaturi

[16] Dan jirreferi ghal kazijiet fejn ikun hemm operatur li huwa registrat fi Stat Membru li jibda l-vjagg tieghu barra minn Malta waqt il-vjagg izur Malta u jerga' johrog minn Malta biex itemm il-vjagg tieghu.

nazzjonali taghhom, u ghandhom kull dritt li jaghmlu certu distinzjonijiet bejn operaturi lokali permanenti u dawk li joperaw trasport bil-kabotagg temporanju f'pajjizna. Ma hemm l-ebda ligi li tipprojbixxi dan.

79. Rigward il-*Motor Route Buses*, li jinkorporaw fihom ix-xarabanks maghrufa bhala *Tal-Linja*, jigi osservat li hija valida s-sottomissjoni maghmula mill-appellati, li dawn il-vetturi jipprovdu servizz ta' trasport pubbliku skedat, li llum huwa operat mis-socjeta` *Arriva*, u huwa servizz moghti fl-interess pubbliku ghall-uzu tal-pubbliku, u r-raguni mghotija mill-appellati ghall-ezenzjoni taghhom mit-tharis tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-Partijiet V u VI tar-regolamenti u cioe` li fir-rigward ta' dawn ix-xarabanks hemm regoli ta' trasport aktar rigoruzi u oneruzi, u li huwa ghalhekk li dan is-settur huwa regolat b'kuntratt appozitu li fih hemm regoli li ma japplikawx ghall-*open top buses*, jinnewtralizza pretensjoni tad-diskriminazzjoni mressqa mir-rikorrenti, stante li dawn joperaw f'sitwazzjoni differenti minn dik tal-*open-top buses*.

80. In fine, apparti mill-konsiderazzjoni premessa, hemm il-konsiderazzjoni legali, li l-*open-top buses* ma jahdmux f'sitwazzjoni analoga ghal dik tal-*motor route buses* u dan peress li s-servizz li jinghataw minn dawn il-vetturi huwa ferm differenti.

81. Illi din il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula mill-ewwel Qorti kemm fir-rigward tar-regolamenti fuq indikati, kif ukoll dwar ir-regolament 69.

82. Rigward ir-regolamenti 116 u 117, hija valida s-sottomissjoni tal-Ministru appellat li s-suq tal-coaches kien ilu jopera bhala suq maghluq ghal hafna zmien, bir-rizultat li l-vetturi kienu qdiemu. Ghaldaqstant il-Gvern hass li kellu jaghti perjodu ta' zmien tranzitorju u incentivi sabiex l-operaturi taghhom igibu l-flotta taghhom konformi mar-regolamenti l-godda; kuntrarjament ghas-suq tal-*open-top* buses li gie regolat ricentement fis-sena 2009, u li allura kien mistenni li dawn il-vetturi ma jkunux qodma. Ghalhekk kien hemm raguni valida u gustifikata ghad-distinzjoni bejn dawn iz-zewg tipi ta' vetturi, u ma hemmx

sitwazzjoni ta’ *like with like* - rekwizit essenzjali sabiex tikkonfigura d-diskriminazzjoni, peress li s-suq tal-*coaches* u dak tal-*open-top* buses huwa differenti.

83. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghar-ragunijiet fuq premessi tiddisponi miz-zewg appelli billi: tichad l-appell tal-Ministru dwar it-Trasport u Infrastruttura;

tilqa’ l-appell tar-rikorrenti limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassar dik il-parti fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta, u minflok, tilqa’ l-ewwel talba wkoll fil-konfront tal-istess Awtorita` b’referenza ghall-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

tikkonferma s-sentenza appellata ghall-bqija.

L-ispejjez tal-appell tal-Ministru jkunu a kariku tal-istess, filwaqt li dawk tar-rikorrenti jinqassmu billi in kwantu ghal zewg terzi [$^{2}/_{3}$] jkunu a kariku taghhom *in solidum*, filwaqt li r-rimanenti terz [$^{1}/_{3}$] ikunu a kariku tal-Awtorita` appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------